



Id-Direttur

## Maniġer tal-Proġetti / Product owner CDT-AD5-2025/02

<b>GRAD:</b>	<b>AD5</b>
<b>DIPARTIMENT:</b>	ID-DIPARTIMENT TAL-FINANZI U TAL-FAĊILITAJIET
<b>POST TAL-IMPJIEG:</b>	IL-LUSSEMBURGU

lċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ġie stabbilit fl-1994 biex jipprovdi servizzi tat-traduzzjoni għall-korpi varji tal-Unjoni Ewropea. lċ-Ċentru huwa bbażat fil-Lussemburgu. Mit-twaqqif tiegħu, l-ammont ta' xogħol taċ-Ċentru żdied b'mod konsiderevoli, u attwalment jimpjega madwar 200 persuna.

### 1. Sfond

Biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tad-**Dipartiment tal-Finanzi u tal-Faċilitajiet**, u b'mod partikolari tat-Taqsima tal-Ippjanar Finanzjarju u Strateġiku, il-grupp tal-Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Proġetti, iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni qed jorganizza proċedura ta' selezzjoni biex tiġi stabbilita lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' membri tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea <sup>1</sup>.

Billi hija organizzazzjoni kompletament awtofinanzjata, qed infittxu kandidat bi profil dinamiku u orjentat lejn il-klijent, b'attitudni miftuħa u kapaċità li jtejjeb il-proċessi u jżid l-effiċjenza. Il-kandidat magħżul se jiġġestixxi primarjament proġetti relatati mal-IT, inkluż it-tiżni tal-għodod u l-flussi tax-xogħol eżistenti, l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi, u l-iżvilupp ta' għodod ġodda foqsa bħat-teknoloġija lingwistika, l-intelliġenza artifiċjali, ir-riżorsi umani, u l-finanzi. Qed infittxu professjonist li jista' jikkontribwixxi ideat innovattivi u implimentabbli, jaħdem b'mod effettiv f'tim, u jkollu fehim solidu ta' għodod u teknoloġiji moderni.

### 2. Kriterji ta' selezzjoni:

Sabiex ikun eliġibbli biex jipparteċipa f'din il-proċedura ta' selezzjoni, fi 31/03/2025, fid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, l-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

**a) KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ:**

- ikun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

<sup>1</sup> L-istess lista ta' riżerva tista' tintuża għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(b) u membri tal-persunal bil-kuntratt skont l-Artikolu 3(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea. Il-membri tal-persunal intern impjegati bħala persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tas-CEOS (grupp ta' funzjoni AD) jistgħu jużaw din il-pubblikazzjoni biex japplikaw bħala mezz ta' pubblikazzjoni interna.

- ikollu livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma<sup>2</sup>;
- ħiliet lingwistiċi: għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea sal-punt meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet.

**b) KOMPETENZI TEKNIĊI ESSENZJALI:**

- Esperjenza professjonali fit-twettiq ta' kompiti ta' ġestjoni tal-proġetti u/jew ta' analiżi tal-operat;
- Għarfien tajjeb tal-proċessi ta' Ġestjoni tal-Proġetti u taċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tas-software Agile;
- Għarfien tajjeb tal-Ingriż jew tal-Frañċiż (mill-inqas fil-livell B2<sup>3</sup>).

**c) KOMPETENZI MIXTIEQA:**

- Għarfien u esperjenza fil-metodoloġija tal-PM<sup>2</sup> Agile;
- Għarfien tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-ambjent tal-IT;
- Għarfien u esperjenza fil-kompiti relatati ma' Scrum product owner;
- Għarfien u esperjenza dwar il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tas-software;
- Kapaċità ta' abbozzar tar-rekwiżiti f'diversi dominji b'fokus fuq it-teknoloġiji tal-IT, I-IA u/jew it-traduzzjoni;
- Ħiliet diġitali avvanzati u litteriżmu fl-IA.

**d) KOMPETENZI MHUX TEKNIĊI ESSENZJALI:**

Il-Valuri Ewlenin tas-CDT, elenkati hawn taħt, huma essenzjali għas-suċċess tal-organizzazzjoni tagħna. L-applikanti huma mistennija li jħaddnu l-valuri u jinkorporawhom fl-imġiba ta' kuljum.

- Kollaborazzjoni: kultivazzjoni tal-kapaċità ta' fokus, allinjament u bini ta' gruppi effettivi. Ir-rieda li tikkondividi jew tissieħeb ma' oħrajn u tirrikonoxxi li l-organizzazzjoni fl-intier tagħha hija ikbar minn unitajiet individwali miġburin flimkien;
- Rispett: tittratta lill-kollegi, il-persunal u s-sħab b'rispett u sensitività. Tapprezza d-diversità u tibbaża fuq is-saħħiet, il-kulturi, l-ideat, l-esperjenzi u t-talenti differenti tal-persuni. Tipprovdi opportunitajiet indaqs u ġusti għall-impjegji, l-iżvilupp tal-karriera u l-apprendiment, u tagħti vuċi lil kull membru tat-tim. Tiżgura ambjent tax-xogħol pożittiv u b'ċerta enerġija;
- Integrità: Tibbaża fuq l-impenn tiegħek u mhux xi gwadann personali jew alleanzi b'interessi personali. Tipproteġi u ttipromwovi r-reputazzjoni tas-CdT. Onest(a) u taġixxi b'integrità. Ma tittollerax imġiba mhux etika; u tittrattaha bħala kwistjoni ta' responsabbiltà personali, irrISPETTIVAMENT mill-pożizzjoni tiegħek fl-organizzazzjoni. Iżżomm standards etiċi għoljin u ma tabbużax mis-setgħa tal-awtorità;

<sup>2</sup>Se jittieħdu inkunsiderazzjoni biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ekwivalenti maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

<sup>3</sup> Livell definit skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi: Apprendiment, Tagħlim, Valutazzjoni (QKERL).

- Żvilupp personali: Tieħu inizjattiva fl-apprendiment u fl-implimentazzjoni ta' kunċetti, teknoloġiji u/jew metodi ġodda. Timpenja lilek innifsek li ttejjeb kontinwament is-sett ta' ħiliet tiegħek u tat-tim tiegħek billi tgħaqqad flimkien għarfien, ħiliet u attitudnijiet ġodda u billi tteġġeg lit-tim tiegħek biex jiżviluppa fuq bażi kontinwa;
- Bidla u innovazzjoni: Għandek il-kapaċità li tteġġeg il-bidla meħtieġa u li turi attitudni pożittiva u miftuħa lejn il-bidla. Tifhem kif it-teknoloġija qed tintuża attwalment biex jintlaħqu l-oġettivi tal-organizzazzjoni u tesplora għodod ġodda biex ittejjeb il-prestazzjoni tat-tim;
- Orientazzjoni lejn il-klijenti: Tagħmel ħiltek biex taħdem b'mod effettiv mal-pari, mas-sħab, u ma' oħrajn li mhumiex fil-linja ta' kmand tiegħek, filwaqt li tħalli impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni tal-operat. Taqdi kemm klijenti interni kif ukoll esterni u tibni relazzjonijiet sostenibbli.

Dawn il-ħiliet se jiġu vvalutati matul it-test bil-miktub u l-intervista (ara l-punt 3(b)(1),(2) hawn taħt).

### 3. Proċedura ta' selezzjoni:

#### a) STADJU TA' PRESELEZZJONI:

L-istadju ta' preselezzjoni se jsir f'żewġ partijiet:

- l-ewwel parti se tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija hawn fuq (il-punt 2(a)), u hija intenzjonata biex tistabbilixxi jekk l-applikant jissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà obbligatorji kollha u r-rekwiżiti formali kollha stipulati fil-proċedura ta' applikazzjoni. F'każ li applikazzjoni ma tissodisfax dawn il-kriterji, din tiġi rrifutata;
- it-tieni parti se tieħu inkunsiderazzjoni l-esperjenza professjonali u punti oħrajn indikati taħt "Kompetenzi tekniċi essenzjali" u "Kompetenzi mixtieqa" (il-punti 2(b), (c)). Din il-parti se tingħata marki fuq skala minn 0 sa 20 (marka minima: 12).

Il-Kumitat ta' Selezzjoni se jistieden għal test miktub u għal intervista lill-10 applikanti li jgħaddu mill-istadju ta' preselezzjoni u li jiksbu l-aħjar marki.

#### b) STADJU TA' SELEZZJONI:

L-istadju ta' selezzjoni se jsegwi l-proċedura deskritta hawn taħt. Dan se jikkonsisti minn żewġ testijiet:

1. Test bil-miktub (bl-Ingliż jew bil-Franċiż) li jikkonsisti minn dan li ġej:

- mistoqsijiet biex jiġi vvalutat l-għarfien tal-applikanti fil-qasam tal-post vakanti rriklamat.

Durata: siegħa u 30 minuta.

Fit-test bil-miktub se jingħataw marki minn 20 punt (marka minima: 12).

Il-kandidati jstgħu jagħżlu jew il-Franċiż jew l-Ingliż għat-test bil-miktub. Jekk jogħġbok innota li l-applikanti li l-lingwa ewlenija tagħhom hija l-Franċiż għandhom jagħmlu t-testijiet bl-Ingliż u dawk li għandhom l-Ingliż bħala l-lingwa ewlenija tagħhom għandhom jagħżlu l-Franċiż.

It-test se jsir online. L-applikanti mistiedna għat-testijiet bil-miktub se jirċievu l-informazzjoni rilevanti kollha fi żmien debitu.

## 2. Intervista mal-kumitat ta' selezzjoni:

Din tiġi organizzata biex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-applikanti li kapaċi jwettqu d-dmirijiet deskritti hawn fuq. L-intervista tiffoka wkoll fuq l-għarfien speċjalizzat tal-applikanti u l-ħiliet mixtieqa elenkati fil-punti 2 u l-Anness 1 hawn taħt.

L-intervista se ssir online u tista' ssir fl-istess jum tat-test bil-miktub, jew f'data aktar tard, skont id-deċiżjoni preċedenti tal-Kumitat ta' Selezzjoni.

L-intervista se ssir prinċipalment bl-Ingliż. L-għarfien ta' lingwi oħra jista' jiġi ttestjat ukoll abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant dwar il-kompetenza lingwistika.

Durata tal-intervista: madwar 40 minuta.

Fl-intervista se jingħataw marki minn 20 punt (marka minima: 12).

B'segwitu għall-intervista u t-test, il-Kumitat ta' Selezzjoni jfassal rapport dwar ir-riżultati tal-proċedura inklużi osservazzjonijiet dwar il-kandidati u lista ta' riżerva tal-applikanti magħżula fl-ordni tal-mertu. Tittieħed deċiżjoni finali mid-Direttur, li jista' jiddeċiedi li jorganizza ċiklu addizzjonali ta' intervisti mal-kandidati, personalment, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali.

Jekk jogħġbok kun af li l-inklużjoni f'lista ta' riżerva ma tiggarantixxix ir-reklutaġġ.

Qabel il-jum tal-intervista, l-applikanti li jiġu mistiedna jattendu għat-test bil-miktub u l-intervista għandhom jipprovdu dokumenti ta' sostenn rilevanti li jikkorrispondu mal-informazzjoni ddikjarata fuq il-formola tal-applikazzjoni, jiġifieri kopji tad-diplomi, ċertifikati u dokumenti oħra li jattestaw l-esperjenza professjonali tagħhom u li jindikaw b'mod ċar id-dati tal-bidu u tat-tmiem, il-kariga, in-natura preċiża tal-kompiti tagħhom, eċċ. Jekk it-testijiet isiru mill-bogħod, l-applikanti jibagħtu kopji tad-dokumenti ta' sostenn mitluba hawn fuq permezz ta' email fuq: [E-Selection@cdt.europa.eu](mailto:E-Selection@cdt.europa.eu).

Madankollu, qabel ma jiġi ffirmat kwalunkwe kuntratt, il-kandidati li jintgħażlu għandhom jissottomettu d-dokumenti oriġinali u kopji awtentikati tad-dokumenti rilevanti kollha biex jagħtu prova li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà.

Il-lista ta' riżerva tkun valida sa tmiem is-sena mit-ffassil tagħha u tista' tiġi estiża skont id-diskrezzjoni tal-awtorità taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratti ta' impjeg.

## 4. **Reklutaġġ:**

Skont is-sitwazzjoni baġitarja, l-applikanti magħżula jistgħu jiġu offruti kuntratt ta' tliet snin (li jista' jerġa' jiġġedded) f'konformità mal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea. Skont il-livell tal-kunfidenzjalità tax-xogħol imwettaq, jista' jkun meħtieġ li l-applikant magħżul ikollu japplika għal approvazzjoni tas-sigurtà.

L-applikanti magħżula se jiġu reklutati fil-grupp/grad ta' funzjoni AD5. Is-salarju fix-xahar bażiku għall-grad AD5 (stadju 1) huwa 5 905,36. Minbarra s-salarju bażiku, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji, bħall-benefiċċju tal-unità domestika, benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), eċċ.

Barra minn hekk, sabiex ikun eliġibbli u qabel ma jinħatar, l-applikant magħżul għandu:

- ikun issodisfa kwalunkwe obbligu impost fuqu mil-liġijiet li jirrigwardaw is-servizz militari;
- ikun issodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għall-kompiti involuti (igawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin)<sup>4</sup>;
- jgħaddi minn eżami mediku mwettaq miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## 5. Proċedura ta' Applikazzjoni:

L-applikanti interessati għandhom jimlew l-applikazzjoni online tagħhom fuq Systal ([https://aa251.referrals.selectminds.com/?lset=en\\_US](https://aa251.referrals.selectminds.com/?lset=en_US)) qabel l-iskadenza.

Nirrakkomandaw bis-sħiħ li l-applikanti ma jistennewx sal-aħħar ftit jiem biex japplikaw. L-esperjenza wriet li s-sistema tista' tkun mgħobbija żżejjed aktar ma toqrob id-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Għaldaqstant jista' jagħti l-każ li jkun diffiċli tapplika fil-ħin.

F'każ ta' mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja t-taqsimha tar-Riżorsi Umani fuq [E-Selection@cdt.europa.eu](mailto:E-Selection@cdt.europa.eu).

### OPPORTUNITAJIET INDAQS

lċ-Ċentru tat-Traduzzjoni jħaddan politika ta' opportunitajiet indaqs u jirrekluta applikanti irrispettivament mill-età, ir-razza, il-konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilitajiet, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

### INDIPENDENZA U DIKJARAZZJONI TA' INTERESSI

Id-detentur tal-impjeg se jkun mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jagħmel dikjarazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe interess li jista' jkun ikkunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha.

## 6. Informazzjoni Ġenerali:

### RIEŻAMI – APPELL – ILMENTI

L-applikanti li jikkunsidraw li għandhom raġunijiet għal lment rigward deċiżjoni partikolari jistgħu, fi kwalunkwe ħin tal-proċedura ta' selezzjoni, jitolbu aktar dettalji rigward din id-deċiżjoni mill-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni, jibdew proċedura ta' appell jew jippreżentaw lment mal-Ombudsman Ewropew (ara l-Anness I).

### TALBIET MINN KANDIDATI GĦAL AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI LI TIKKONĊERNAHOM

L-applikanti involuti fi proċedura ta' selezzjoni għandhom id-dritt speċifiku ta' aċċess għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment. L-applikanti li jitolbu dan jistgħu għaldaqstant jiġi pprovduti b'informazzjoni supplimentari relatata mal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' selezzjoni. L-applikanti għandhom jibagħtu talbiet bħal dawn bil-miktub lill-President tal-Kumitat ta'

<sup>4</sup> L-applikanti għandhom jipprovdu ċertifikat uffiċjali li jikkonferma li ma għandhomx rekord kriminali.

Selezzjoni fi żmien xahar minn meta jiġu nnotifikati bir-riżultati tagħhom fil-proċedura ta' selezzjoni. It-tweġiba tintbagħat fi żmien xahar. It-talbiet se jiġu indirizzati filwaqt li titqies in-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-Kumitat ta' selezzjoni skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

#### **PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI**

Id-Ċentru tat-Traduzzjoni (bħala l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-proċedura ta' selezzjoni) se jiżgura li d-data personali tal-applikanti tkun ipproċessata kif mitlub mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39). Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

Il-kandidati għandhom id-dritt li jirrikorru fi kwalunkwe ħin għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ([edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)).

Jekk jogħġbok ara l-[avviż ta' privatezza speċifiku](#).

#### **TALBIET GĦAL RIEŻAMI - PROĊEDURI TA' APPELL - ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW**

Peress li r-Regolamenti tal-Persunal japplikaw għall-proċeduri ta' selezzjoni, jekk jogħġbok innota li l-proċedimenti kollha huma kunfidenzjali. Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' selezzjoni, l-applikanti jikkunsidraw li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati minn deċiżjoni partikolari, huma jistgħu jjeħdu l-azzjoni li ġejja:

#### **I. TALBIET GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI JEW GĦAL RIEŻAMI**

- Ibgħat ittra fejn titlob aktar informazzjoni jew rieżami, u tippreżenta l-każ tiegħek lil:

##### **Għall-attenzjoni tal-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni CDT-AD5-2025/02**

Translation Centre  
Bâtiment Technopolis Gasperich  
Office 3077  
12 E, rue Guillaume Kroll  
L-1882 Luxembourg

fi żmien 10 ijiem kalendarji mid-data ta' meta tintbagħat l-ittra dwar id-deċiżjoni. Il-Kumitat ta' Selezzjoni se jibgħat risposta malajr kemm jista' jkun.

#### **II. PROĊEDURI TA' APPELL**

- Ressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġejj:

##### **Għall-attenzjoni tal-Awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti ta' impjegi**

##### **CDT-AD5-2025/02**

Translation Centre  
Bâtiment Technopolis Gasperich  
Office 3077  
12 E, rue Guillaume Kroll  
L-1882 Luxembourg

Il-limiti ta' żmien biex jinbdew dawn iż-żewġ tipi ta' proċedura (ara r-Regolamenti tal-Persunal kif emendati bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 287 tad-29.10.2013, p.15 – <http://www.eur-lex.europa.eu>) jibdw mill-mument li l-applikanti jiġu nnotifikati dwar l-att li allegatament jippreġudika l-interessi tagħhom.

Jekk jogħġbok innota li l-Awtorità awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratt ta' impjieg m'għandhiex is-setgħa li temenda d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Selezzjoni. B'mod konsistenti l-Qorti dejjem sostniet li d-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdu Kumitati ta' Selezzjoni mhijiex soġġetta għal rieżami mill-Qorti sakemm ir-regoli li jirregolaw il-proċedimenti ta' Kumitati ta' Selezzjoni ma jkunux inkisru b'mod ċar.

### **III. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW**

➤ L-applikanti jistgħu jressqu lment lil:

**Ombudsman Ewropew**

1 avenue du Président-Robert-Schuman – CS 30403  
F-67001 Strasbourg Cedex

skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (ĠU L 113 tal-4 ta' Mejju 1994, p.15).

Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti li jsiru lill-Ombudsman m'għandhom l-ebda effett ta' sospensjoni fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal sabiex jittressqu lmenti jew biex jiġu ppreżentati appelli lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota wkoll li, skont l-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman, kwalunkwe lment imressaq quddiem l-Ombudsman għandu jkun ippreċedut bl-approċċi amministrattivi xierqa lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.

## ANNEX 1: DESKRIZZJONI TAL-IMPJEG

Filwaqt li jirrapporta direttament lill-Kap tat-Taqsima tal-Ippjanar Finanzjarju u Strateġiku, il-kandidat magħżul se jkun responsabbli mit-twettiq tal-kompi li ġejjin:

### EŻEKUZZJONI U KONTROLL

#### Ġestjoni tal-Proġetti

Ġestjoni ta' kuljum tal-proġetti:

- Jirċievi u jiġġestixxi talbiet biex jiżviluppa jew jaġġorna applikazzjonijiet eżistenti mhux relatati mal-proġett, jew biex jistabbilixxi proġetti ġodda;
- Jaħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni, mas-sħab, mal-fornituri u mal-klijenti biex jiġbor u janalizza l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tagħhom;
- Jagħti stima tal-kostijiet tal-proġetti, jiddefinixxi l-prijoritajiet, il-pjanijiet ta' ħidma u d-deċiżjonijiet ibbażati fuq orjentazzjonijiet strateġiċi, rekwiżiti regolatorji u r-riżorsi disponibbli, filwaqt li jallinja mal-portafoll tal-proġetti taċ-Ċentru;
- Jiżgura li l-oġettivi tal-proġett ikunu definiti b'mod ċar u mifhuma mill-partijiet ikkonċernati kollha;
- Janalizza r-rekwiżiti, ifassal speċifikazzjonijiet funzjonali bħal stejjer tal-utent u joħloq mudelli ta' interfaċċa biex juri d-disinn tas-sistema u l-esperjenza tal-utent;
- Jiżgura l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet, mal-iskadenzi, mal-istandards tal-baġit u tal-kwalità fi ħdan il-qafas definit mill-product owner u f'koordinazzjoni mad-Dipartiment jew mal-fornituri tal-IT;
- Jiżgura li r-riżultati jissodisfaw l-aspettattivi inizjali, jabbazza każijiet ta' ttestjar u gwidi għall-utenti, jissorvelja l-ittestjar tal-aċċettazzjoni, u jidentifika, jiprijoritizza u jiġġestixxi r-riskji/il-kwistjonijiet u r-riżoluzzjoni tagħhom fil-proġetti kollha;
- Jipprovi taħriġ u appoġġ lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar ir-riżultati tanġibbli, is-sistemi tal-IT u l-ġhodod teknoloġiċi relatati użati miċ-Ċentru;
- Jappoġġa lill-Kap tat-Taqsima Taqsima tal-Ippjanar Finanzjarju u Strateġiku b'attivitajiet amministrattivi u ta' segwitu, żvilupp strateġiku tal-operat billi jidentifika opportunitajiet ġodda, jiffirma sħubijiet, u jagħti valur miżjud liċ-Ċentru.

#### Ġestjoni tal-bidla

- Jivvaluta l-proċessi attwali u jidentifika opportunitajiet għal titjib jew manutenzjoni korrettiva tas-sistema ta' informazzjoni taċ-Ċentru;
- Jiġġestixxi l-bidliet, b'mod partikolari matul ir-riorganizzazzjonijiet, il-fużjonijiet u l-migrazzjonijiet kbar tal-IT;
- Jiżgura li l-impatt tal-bidliet fuq diversi funzjonijiet taċ-Ċentru u l-applikazzjonijiet jiġi kkunsidrat bir-reqqa u jiġi ġestit b'mod effettiv;



- Iwettaq monitoraġġ tat-teknoloġiji u tas-suq filwaqt li jqis l-oġettivi strateġiċi u l-operat ewlieni taċ-Ċentru;

### **Ġestjoni tal-portafoll**

- Jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-portafoll tal-proġett flimkien ma' membri oħra tal-PMO;
- Jalloka r-riżorsi u jinnegozja l-prijoritajiet tal-proġett bi qbil mal-Kap tat-Taqsima tal-Ippjanar Finanzjarju u Strateġiku u l-Ġestjoni taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni.